



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2010/0289(COD)

25.1.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan (COM(2010)0552 – C7-0322/2010 – 2010/0289(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Dan Preda

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Impreżentata wara l-għargħar mingħajr preċedent li ddevasta s-sajf li għadda parti kbira mit-territorju tal-Pakistan, il-proposta tal-Kummissjoni hija intiża sabiex testendi preferenzi kummerċjali awtonomi għal dan il-pajjiż fir-rigward ta' 75 linja ta' prodotti ta' interess għall-Pakistan (fil-biċċa l-kbira drappijiet u ħwejjeġ) fil-forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali, b'eċċezzjoni ta' prodott wieħed (etanol) li għalih tkun tapplika kwota ta' rata tariffarja.

Il-miżuri proposti għandhom jintlaqgħu bħala eżempju perfett tas-sinerġiji li saru possibbli bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Filwaqt li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà pprovdew b'ġenerożità lill-Pakistan b'għajjnuna umanitarja, l-estensjoni ta' preferenzi kummerċjali awtonomi għal dan il-pajjiż hija parti minn pakkett ta' miżuri ikbar li jindirizza il-konsegwenzi ekonomiċi fuq medda medja u twila ta' żmien tal-għargħar katastrofiku. L-iżgurar tal-irkupru u l-iżvilupp sostenibbli futur tal-Pakistan huwa importanti ħafna mhux biss għaċ-ċittadini tiegħu iżda wkoll għas-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun. Pakistan stabbli u prosperu li ma jimxix lejn l-estremiżmu jew il-fundamentaliżmu huwa ovvjament fl-interess tal-UE.

Madankollu, għalkemm il-preferenzi kummerċjali awtonomi jkunu estiżi għall-Pakistan għal tliet snin, ma sarix valutazzjoni sħiħa tal-impatt tal-miżuri proposti mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tal-proposta għal regolament. Huwa għalhekk preferibbli li t-tul taż-żmien tal-konċessjonijiet kummerċjali jiġi limitat għal sentejn u li l-estensjoni ta' dawn il-preferenzi għal sena oħra tkun suġġetta għat-twertiq ta' valutazzjoni sħiħa tal-impatt mill-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni għandha mhux biss tindirizza l-effetti tal-miżuri fuq il-kummerċ u l-produzzjoni fl-UE, iżda għandha tkopri wkoll l-impatt effettiv tagħhom fuq il-popolazzjoni u r-riżorsi fiskali tal-Pakistan, b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji tal-Pakistan li jtejjeb l-effettività tas-sistema ta' tassazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-proposta tal-Kummissjoni ma timponi ebda piż fuq il-Pakistan fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali, għall-kuntrarju ta' dak li kien iseħħ li kieku dan il-pajjiż ingħata l-istatus GSP+.

Għalkemm jista' jingħad li, minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari li wasslu għad-deċiżjoni li jingħataw preferenzi kummerċjali awtonomi lill-Pakistan, il-miżuri proposti mhux ser joħolqu preċedent vinkolanti, din l-ispjegazzjoni mhijiex kompletament konvinċenti.

Huwa minnu li ma jistax jiġi eskluż li wara d-deċiżjoni li jingħataw preferenzi kummerċjali awtonomi lill-Pakistan li ntlaqat mill-għargħar jista' jkun hemm inizjattivi simili oħra fil-futur. Barra minn hekk, hemm riskju li l-adozzjoni ta' preferenzi kummerċjali awtonomi li mhijiex marbuta ma' kwalunkwe tip ta' kundizzjoni ta' drittijiet tal-bniedem fil-fatt timmina s-sistema kurrenti tal-preferenzi tal-UE bbażata fuq ir-rispett ta' sensiela ta' drittijiet u valuri fundamentali.

Fuq livell iktar ġenerali, l-Artikolu 207 tat-Trattat ta' Lisbona jipprovdi li l-politika kummerċjali tal-UE għandha titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-miri tal-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-konsolidazzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem jinsabu b'mod prominenti fost l-oġettivi tal-UE skont l-Artikolu 21(2) tat-Trattat.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan għandha għalhekk titqies fir-regolament propost. Degradazzjoni serja ta' din is-sitwazzjoni tista' b'hekk tkun raġuni sabiex tiġi sospiżja l-applikazzjoni tal-preferenzi kummerċjali mogħtija lill-Pakistan.

Fl-aħħarnett, l-osservanza stretta u li tista' tiġi vverifikata tar-regoli rilevanti ta' oriġini għall-prodotti hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji kummerċjali mogħtija jitgawdew biss minn dawk li l-miżuri huma intiżi għalihom u li verament jgħinu l-ekonomija tal-Pakistan tirkupra, filwaqt li jiġu evitati kundizzjonijiet mhux ġusti għall-pajjiżi li jipproduċu prodotti simili, b'mod partikolari l-benefiċjarji tal-GSP+ fir-reġjun u l-pajjiżi taż-żoni viċini tan-Nofsinhar tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali bħala l-kumitat responsabbli, biex sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal Regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan (minn hawn 'il quddiem il-Pakistan) tibni fuq il-Ftehim ta' Kooperazzjoni li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2004¹. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu huwa li jiżgura l-kundizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Partijiet u biex iħeġġeġ iż-żieda u l-iżvilupp tiegħu.

Emenda

(1) Ir-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan (minn hawn 'il quddiem il-Pakistan) tibni fuq il-Ftehim ta' Kooperazzjoni li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2004¹. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu huwa li jiżgura l-kundizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Partijiet u biex iħeġġeġ iż-żieda u l-iżvilupp tiegħu. ***Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ċentrali tax-xogħol, u l-prinċipji demokratiċi huma wkoll element essenzjali ta' dak il-ftehim.***

Emenda 2

Proposta għal Regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Se jkun importanti li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-Pakistan minn din l-emerġenza

Emenda

(4) Se jkun importanti li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-Pakistan minn din l-emerġenza

u biex isir progress lejn żvilupp futur.

u biex isir progress lejn żvilupp futur,
filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza u l-koeranza fil-livelli kollha bl-għan li tiġi żviluppata strateġija fit-tul sostenibbli.

Emenda 3

Proposta għal Regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għalhekk, jixraq li jingħataw preferenzi kummerċjali awtonomi lill-Pakistan billi, għal perjodu limitat ta' żmien, jiġu sospiżi t-tariffi kollha għal ċerti prodotti ta' interess għall-esportazzjoni lejn il-Pakistan. **L-għoti** ta' dawn il-preferenzi kummerċjali **ma jikkawżawx** effetti negattivi sinifikanti fuq is-suq domestiku tal-Unjoni u ma jaffettwax b'mod ħażin il-Membri l-inqas żviluppati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

Emenda

(7) Għalhekk, jixraq li jingħataw preferenzi kummerċjali awtonomi lill-Pakistan billi, għal perjodu limitat ta' żmien, jiġu sospiżi t-tariffi kollha għal ċerti prodotti ta' interess għall-esportazzjoni lejn il-Pakistan **sakemm l-għoti** ta' dawn il-preferenzi kummerċjali **la jikkawża** effetti negattivi sinifikanti fuq is-suq domestiku tal-Unjoni u **lanqas jaffettwa** b'mod ħażin il-Membri l-inqas żviluppati tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

Emenda 4

Proposta għal Regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-jedd għall-benefiċċji mill-preferenzi *kummerċjali* awtonomi jiddependi mill-konformità tal-Pakistan mar-regoli rilevanti tal-orijini tal-prodotti u mal-proċeduri relatati magħhom kif ukoll mill-involviment f'kooperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Unjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-frodi. Ksur serju u sistematiku tal-kundizzjonijiet għall-jedd għall-arranġament preferenzjali, frodi jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-verifika tal-orijini tal-prodotti għandhom jikkostitwixxu

Emenda

(9) Il-jedd għall-benefiċċji mill-preferenzi *kummerċjali* awtonomi jiddependi mill-konformità tal-Pakistan mar-regoli rilevanti tal-orijini tal-prodotti u mal-proċeduri relatati magħhom kif ukoll mill-involviment f'kooperazzjoni amministrattiva effettiva mal-Unjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-frodi. Ksur serju u sistematiku tal-kundizzjonijiet għall-jedd għall-arranġament preferenzjali, frodi jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-verifika tal-orijini tal-prodotti **jew deterjorament serju fl-**

raġunijiet għal sospensjoni temporanja tal-preferenzi. F'dan ir-rigward, jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta miżuri temporanji bħal dawn.

osservanza tal-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan, fosthom id-drittijiet ċentrali tax-xogħol, għandhom jikkostitwixxu raġunijiet għal sospensjoni temporanja tal-preferenzi. F'dan ir-rigward, jekk ikun hemm bżonn, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta miżuri temporanji bħal dawn.

Emenda 5

Proposta għal Regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Sabiex ikun hemm impatt immedjat u sostenibbli fuq l-irkupru ekonomiku tal-Pakistan wara l-għargħar, huwa rakkomandat *li l-preferenzi kummerċjali jibqgħu sal-31 ta' Diċembru 2013*.

Emenda

(13) Sabiex ikun hemm impatt immedjat u sostenibbli fuq l-irkupru ekonomiku tal-Pakistan wara l-għargħar, huwa rakkomandat *li l-kontinwazzjoni tal-preferenzi kummerċjali sal-limitu massimu tal-31 ta' Diċembru 2013 tkun suġġetta għal valutazzjoni tal-impatt effettiv tagħhom fuq il-popolazzjoni tal-Pakistan u tal-implimentazzjoni tar-riformi ta' politika neċċessarji sabiex jiġi żgurat li l-industriji rilevanti jikkontribwixxu effettivament għar-riżorsi fiskali*.

Emenda 6

Proposta għal Regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-jedd għall-benefiċċji mill-arranġamenti introdotti permezz tal-Artikolu 1 *għandhom ikunu suġġetti* għal:

(a) konformità mar-regoli tal-orijini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif

Emenda

I. Il-jedd għall-benefiċċji mill-arranġamenti introdotti permezz tal-Artikolu 1 *għandu jkun suġġett* għal:

(a) konformità mar-regoli tal-orijini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif

previst fit-Titolu IV, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, is-subtaqsima 1 u 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Madankollu, fir-rigward tal-kumulazzjoni tal-orġini għall-iskop tad-determinazzjoni tal-istatus tal-orġini tal-prodotti koperti mill-arranġamenti introdotti fl-Artikolu 1, hija permessa biss il-kumulazzjoni mal-materjali li jorġinaw fl-UE. Il-kumulazzjoni reġjonali u t-tipi l-oħra ta' kumulazzjoni, ħlief il-kumulazzjoni mal-materjali li jorġinaw fl-UE, mhumiex permessi;

(b) konformità mal-metodi u l-kooperazzjoni amministrattiva kif previst fit-Titolu IV, il-Kapitolu 2, taqsima 1, is-subtaqsima 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(c) iċ-ċertifikati tal-orġini tal-Forma A maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Pakistan skont dan ir-Regolament għandu jkollhom l-endorsjar li ġej fil-kaxxa 4 "Miżura awtonoma – ir-Regolament (UE) Nru .../2010".

previst fit-Titolu IV, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, is-subtaqsima 1 u 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Madankollu, fir-rigward tal-kumulazzjoni tal-orġini għall-iskop tad-determinazzjoni tal-istatus tal-orġini tal-prodotti koperti mill-arranġamenti introdotti fl-Artikolu 1, hija permessa biss il-kumulazzjoni mal-materjali li jorġinaw fl-UE. Il-kumulazzjoni reġjonali u t-tipi l-oħra ta' kumulazzjoni, ħlief il-kumulazzjoni mal-materjali li jorġinaw fl-UE, mhumiex permessi;

(b) konformità mal-metodi u l-kooperazzjoni amministrattiva kif previst fit-Titolu IV, il-Kapitolu 2, taqsima 1, is-subtaqsima 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(c) iċ-ċertifikati tal-orġini tal-Forma A maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Pakistan skont dan ir-Regolament għandu jkollhom l-endorsjar li ġej fil-kaxxa 4 "Miżura awtonoma – ir-Regolament (UE) Nru .../2010".

2. Mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, il-jedd għall-benefiċċju mill-arranġamenti preferenzjali introdotti permezz tal-Artikolu 1 huwa suġġett għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-prinċipji ċentrali tax-xogħol, u l-prinċipji fundamentali tad-demokrazija mill-Pakistan.

Emenda 7

Proposta għal Regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed provi ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, din tista' tiegħu miżuri biex tissospendi kompletament jew parzjalment l-

Emenda

1. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed provi ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, ***fosthom evidenza ta' dumping soċjali jew jekk ikun hemm deterjorament serju fir-***

arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament għal perjodu ta' mhux iktar minn sitt xhur, bil-kundizzjoni li l-ewwel:

rigward tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan, din tista' tiegħu miżuri biex tissospendi kompletament jew parzjalment l-arranġamenti preferenzjali pprovduti f'dan ir-Regolament għal perjodu ta' mhux iktar minn sitt xhur, bil-kundizzjoni li l-ewwel:

Emenda 8

Proposta għal Regolament Artikolu 10 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Dan ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

Emenda

4. Dan ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

Mhux iktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni sħiħa tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kummerċ u l-produttjoni tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament fl-Unjoni, kif ukoll tal-effett tal-preferenzi kummerċjali fuq l-ekonomija, is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni u r-riżorsi fiskali tal-Pakistan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, abbażi ta' dan ir-rapport, jiddeċiedu li estendu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2013.

PROĊEDURA

Titolu	Preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan
Referenzi	COM(2010)0552 – C7-0322/2010 – 2010/0289(COD)
Kumitat responsabbli	INTA
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 19.10.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Cristian Dan Preda 23.11.2010
Eżami fil-kumitat	13.1.2011 25.1.2011
Data tal-adozzjoni	25.1.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 61 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriele Albertini, Pino Arlacchi, Dominique Baudis, Bastiaan Belder, Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Heidi Hautala, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Alexander Mirsky, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Ernst Strasser, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin, Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Véronique De Keyser, Kinga Gál, Liisa Jaakonsaari, Elisabeth Jeggle, Evgeni Kirilov, Georgios Koumoutsakos, Barbara Lochbihler, Norbert Neuser, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, György Schöpflin, Indrek Tarand
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sylvie Guillaume